

Brussell, 3 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

9789/22

AGRI 225  
AGRIORG 56  
AGRIFIN 50

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Is-sitwazzjoni tas-swieq agrikoli, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna

---

B'segwitu għad-dokument 9221/22, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dokument ta' tħejjija għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) tat-13 ta' Ġunju li fih aġġornament dwar is-sitwazzjoni tas-swieq agrikoli tal-UE u informazzjoni oħra relatata.

**Aġġornament dwar is-sitwazzjoni tas-swieq agrikoli**

1. Is-settur agrikolu tal-UE għadu taħt pressjoni konsiderevoli minħabba ż-żieda fil-kost tal-enerġija u inputs oħra, li diġà kienet hemm qabel l-invażjoni Russa fl-Ukrajna u ġiet aċċentwata mill-gwerra u l-konsegwenzi tagħha fuq il-produzzjoni agrikola, il-prezzijiet u l-kummerċ. Madankollu, l-aħħar ċifri jikkonfermaw li l-provvisti tal-ikel tal-UE mhumiex friskju bis-saħħa tas-suq uniku u l-PAK, li għamlu lill-UE awtosuffiċjenti għall-biċċa l-kbira tal-komoditajiet agrikoli. Sadanittant, il-prezzijiet għal xi prodotti laħqu livelli rekord li jqajmu mistoqsijiet dwar l-affordabbiltà tal-ikel għal familji b'introjtu baxx mingħajr madankollu ma jkun jistgħu jipprevjenu l-pressjoni fil-marġnijiet tal-bdiewa minħabba ż-żieda sproporzjonata fil-kost tal-inputs, partikolarment l-enerġija u l-fertilizzanti. Is-serjeta tas-sitwazzjoni ġiet rikonoxxuta mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet<sup>1</sup> tal-aħħar laqgħa tiegħu fit-30 u l-31 ta' Mejju billi pprova gwida lill-istituzzjonijiet tal-UE għal azzjoni ulterjuri.
2. B'segwitu għall-informazzjoni pprovduta lill-Kunsill fit-18 ta' Mejju fid-dokument 9221/22 u l-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mill-Istati Membri u miġbura fid-dokument (9870/22) dwar is-sitwazzjoni tas-swieq agrikoli interni tal-UE, ta' min jinnota l-informazzjoni reċenti li ġejja.
  - Is-sitwazzjoni tas-suq tal-UE għall-ħbub kienet pożittiva sa f'it żmien ilu. Il-prezzijiet kienu għaljin ħafna għall-bdiewa u l-prospetti tal-ħsad kienu pjuttost tajbin. In-nixfa fit-tul f'ċerti reġjuni flimkien ma' mewġiet ta' sħana matul Mejju taw lok għal xi tħassib. Minħabba dan, l-aħħar previżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħbub tnaqqset b'aktar minn żewġ miljun tunnellata (minn 295.8 għal 293.1 miljun tunnellata). Dan it-tnaqqis jikkonċerna prinċipalment ix-xgħir u l-qamħirrum (sa issa l-qamħirrum kien previst flivelli rekord ta' produzzjoni) u dan ma jaffettwax il-qamħ komuni.

---

<sup>1</sup> (EUCO 21/22)

- Il-prospetti għall-esportazzjonijiet tal-UE għadhom pożittivi ħafna. L-esportazzjonijiet tal-UE tal-qamħ komuni fl-istaġun li jmiss huma mbassra li jilhqgħu t-38 miljun tunnellata, l-oġġla livell li qatt kien hemm. Dan jikkonferma l-possibbiltà li l-PAK tikkontribwixxi għas-sigurtà alimentari dinjija. L-esportazzjonijiet totali tal-ħbub (il-qamħ, ix-xgħir, il-qamħirrum) jistgħu jilhqgħu madwar 54 miljun tunnellata (ftit inqas mir-rekord ta' 55 miljun tunnellata li ntlaħaq fl-2019/20).
  - Mil-lat pożittiv, il-produzzjoni taż-żrieragħ żejtnin tal-UE issa hija mistennija li tespandi b'mod sinifikanti bis-saħħa taż-żona miżjuda (+ 6 %, partikolarment bil-ġirasol li jibbenefika mid-deroga tal-EFA) bil-produzzjoni mbassra li tespandi bl-istess perċentwal. Dan l-iżvilupp pożittiv ser jippermetti lis-suq tal-UE jlaħħaq ma' disponibbiltà aktar baxxa ta' żrieragħ żejtnin mill-Ukrajna.
  - B'kuntrast ma' dan, matul l-aħħar ġimagħtejn ma kien hemm l-ebda bidla sinifikanti fil-prodotti tal-annimali. Il-prezzijiet għadhom għaljin iżda xorta ma jikkumpensawx għall-kost għoli tal-għalf u l-enerġija, inkluż għal-laħam tal-majjal.
  - Bl-istess mod, is-settur tal-frott u l-ħxejjex għadu jiġi milqut minn żieda fil-kostijiet tal-input u minn nuqqasijiet fid-disponibbiltà ta' xi inputs u materjali, kif ukoll minn inqas opportunitajiet ta' esportazzjoni minħabba l-gwerra li għadha għaddejja.
3. Fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, filwaqt li l-qamħirrum, il-ġirasol u l-fażola tas-sojja għadhom qed jiġu miżrugħa, issa huwa stmat li l-ħsad jista' jkun inqas minn 40 - 50 % meta mqabbel mas-sena l-oħra u mhux inqas minn 20 - 30 % kif stmat ġimagħtejn ilu. Fiċ-ċirkostanzi, dan xorta jkun eżitu tajjeb.
4. Rigward l-aspetti internazzjonali tal-produzzjoni u l-kummerċ tal-ħbub taċ-ċereali, il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali (IGC) jipproġetta li l-**produzzjoni** dinjija tal-**qamħ** fl-2022/23 tilħaq 769.0 miljun tunnellata (-1.6 % sena/sena). Meta mqabbla max-xaħar li għadda, il-prospettiva għet riveduta 'l isfel għall-Indja u l-Istati Uniti partikolarment, parzjalment ikkumpensata minn żidiet għall-Awstralja u r-Russja. B'rabta mat-tkabbir tal-popolazzjoni fl-Afrika u fl-Asja, partikolarment il-konsum dinji huwa mistenni li jiżdied b'mod moderat għal 780.2 miljun tunnellata (+ 0.3 % sena/sena), potenzjalment quċċata ġdida, inkluż l-użu tal-ikel għal 546.2 miljun tunnellata (+ 0.5 %). L-istokkijiet finali huma stmati għal livell l-aktar baxx fuq medda ta' erba' snin, jiġifieri 270.9 miljun tunnellata (-4.0 %) li 50 % minnhom huma attribwiti liċ-Ċina. Il-kummerċ globali għandu jkun kemxejn oġġla minn 194.0 miljun tunnellata (+ 0.2 %), fejn l-UE (38 miljun tunnellata) tibqa' l-akbar esportatur, segwita mir-Russja b'37 miljun.

5. Il-projezzjoni tal-**produzzjoni tal-qamħirrum** għall-2022/23 hija indikattiva ħafna f'dan l-istadju minħabba l-inċertezzi fl-Ukrajna u l-ħsad li għadu għaddej fl-Amerka t'Isfel għall-għelejjel tal-2021/22. L-IGC jipproġetta li l-output globali jonqos għal 1,183.8 miljun tunnellata (-2.5 % sena/sena) fl-2022/23 mill-output rekord tal-istaġun preċedenti. Iż-żriġ għe mdewwem b'mod sinifikanti fl-Istati Uniti minħabba temp kiesaħ u umdu mhux tas-soltu, li jagħmilha diffiċli biex wieħed ibassar ir-rendimenti. Wara revizzjoni 'l isfel tal-produttività, il-produzzjoni hija mbassra għal 367.3 miljun tunnellata (-4.3 %). B'disponibbiltajiet imnaqqa u prezzijiet għaljin, il-konsum tal-qamħirrum huwa mistenni li jonqos b'0.6 % mill-quċċata tal-aħħar staġun għal 1,200 miljun tunnellata, inkluż 710.2 miljun tunnellata (-0.6 %) għall-użu fl-għalf. L-istokkijiet finali huma mistennija li jonqsu b'5.6 % għal 269 miljun tunnellata, li minnhom 65 % huma attribwiti liċ-Ċina. Minħabba t-tnaqqis globali fil-provvisti u d-disponibbiltajiet inċerti mill-Ukrajna, il-kummerċ dinji huwa mbassar li jonqos b'4.6 % għal 166.3 miljun tunnellata fl-2022/23.
6. Fir-rigward tal-prospetti tal-produzzjoni taċ-ċereali f'pajjiżi produttori ewlenin, l-**Indja** inizjalment kienet qed tistenna li taħsad rekord ta' għalla fl-2022, madankollu bidu bikri ta' sħana estrema għamlet il-ħsara lir-rendiment massimu u t-tbassir tal-produzzjoni naqas b'6 miljun tunnellata għal 105 miljun tunnellata (-4.2 % sena/sena). Sabiex jiġu żgurati l-provvisti domestiċi u tiġi kkontrollata l-inflazzjoni tal-ikel, il-gvern iddeċieda li jipprojbixxi l-esportazzjonijiet tal-qamħ.
7. Fl-**Istati Uniti tal-Amerka**, il-kundizzjonijiet xitwin tal-għelejjel tal-qamħ jibqgħu fil-biċċa l-kbira ħżiena, speċjalment għall-qamħ Hard Red Winter (qamħ durum aħmar tax-xitwa). Barra minn hekk, iż-żriġ tal-qamħ tar-rebbiegħa jiġu mdewma minħabba temp imxarrab u frisk iżżejjed. Sa issa, it-tħawwil tal-qamħirrum kien ukoll aktar bil-mod mis-soltu, għalkemm, dan l-aħħar, ix-xogħlijiet ġew aċċellerati.
8. Fil-**Brażil**, it-tbassir uffiċjali jindika produzzjoni rekord fl-2021/22 ta' 114.6-il miljun tunnellata, minkejja xi tħassib dwar kundizzjonijiet xotti. Il-ħsad tal-ewwel għalla tal-qamħirrum huwa 85 % komplut, filwaqt li l-qtuġħ tat-tieni għalla (safrinha) għadu kif beda. Bil-ħsad li qed javvanza, id-disponibbiltajiet għall-esportazzjoni huma mistennija li jiżiedu drastikament minn Lulju 'l quddiem.
9. **Iċ-ċaqliq fil-prezzijiet** taċ-ċereali reġa' sar aktar volatili, speċjalment għall-qamħ. Wara l-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni imposta fuq il-qamħ mill-Indja, il-prezzijiet għolew għal livelli għoljin ġodda, bi tħassib addizzjonali ġej minn kundizzjonijiet ħżiena tal-għelejjel tal-Istati Uniti u dewmien fil-ħsad. Imbagħad, il-prezzijiet bdew jonqsu, b'rispons għal xnigħat/tamiet li jinfetaħ kuritur tal-baħar għall-esportazzjonijiet tal-ħbub mill-Ukrajna, il-prospettiva għal ħsad rekord tal-qamħ fir-Russja, kif ukoll il-biżgħat għal tnaqqis fir-ritmu ekonomiku li jitfa' pressjoni fuq id-domanda. It-teħid ta' profitt fis-swieq futuri wara livelli għolja reċenti żied mal-pressjoni 'l isfel.

10. Sabiex is-sitwazzjoni tiġi vvalutata b'mod aktar komprensiv, huwa importanti li jitqiesu l-miżuri diġà proposti u adottati mill-Kummissjoni biex jappoġġaw is-settur agrikolu u jgħinu lill-UE taqdi r-rwol tagħha bħala fornitur globali tal-ikel li jkompli jkun involut bis-sħiħ fit-tranżizzjoni ambjentali. Dawn tħabbru fil-parti l-kbira tagħhom fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel" adottata fit-23 ta' Marzu 2022 (COM (2022) 133 final) u huma miġbura fil-qosor hawn taħt:
- i) Pakkett ta' appoġġ ta' EUR 500 miljun, inkluż l-użu mir-riżerva għall-kriżijiet, biex jiġu appoġġati l-produtturi l-aktar milquta mill-konsegwenzi serji tal-gwerra fl-Ukrajna. Abbażi ta' dan, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ finanzjarju addizzjonali lill-bdiewa biex jikkontribwixxu għas-sigurtà globali tal-ikel jew jindirizzaw it-tfixkil fis-suq minħabba kostijiet tal-input oġhla jew restrizzjonijiet kummerċjali.
  - ii) Mis-16 ta' Ottubru 2022, ser ikun hemm żieda fl-avvanzi ta' pagamenti diretti, kif ukoll miżuri ta' żvilupp rurali relatati maż-żona u mal-annimali, għall-bdiewa.
  - iii) Ġew varati miżuri ta' xibka ta' sikurezza fis-suq biex jappoġġaw is-suq tal-laħam tal-majjal fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolarment diffiċli tas-settur.
  - iv) Deroga eċċezzjonali u temporanja li tippermetti l-produzzjoni ta' kwalunkwe għalla għal skopijiet ta' ikel u ta' għalf fuq raba' mistrieħ, filwaqt li jinżamm il-livell sħiħ tal-pagament ta' ekoloġizzazzjoni għall-bdiewa. Dan ser ikabbar il-kapaċità tal-produzzjoni tal-UE minkejja d-disponibbiltà limitata ta' art fertili.
  - v) Il-Kummissjoni pproponiet Qafas Temporanju ta' Kriżi ġdid u awtonomu li jkopri wkoll lill-bdiewa, il-produtturi tal-fertilizzanti u s-settur tas-sajd. Dan jippermetti l-għajnuna mill-Istat lill-bdiewa milquta minn żidiet sinifikanti fil-kostijiet tal-input. Il-prezzijiet u l-provvisti tal-fertilizzanti għall-bdiewa ser jiġu mmonitorjati biex jiġi żgurat li l-prospetti għall-ħsad tal-UE ma jiġux ipperikolati.
  - vi) Biex jiġi miġġieled ir-riskju tan-nuqqas ta' għalf u jiżdiedu l-provvisti tal-importazzjoni, speċjalment għall-qamħirrum, il-Kummissjoni pprovdiet gwida lill-Istati Membri dwar l-użu tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 biex jiġu stabbiliti malajr livelli massimi ta' residwi nazzjonali (MRL) temporanji fejn ġustifikat filwaqt li ma jiġux imminati l-istandards ta' sikurezza tagħna.

- vii) Fl-20 ta' Mejju, il-Kummissjoni Ewropea adottat deċiżjoni biex tiġbor data ta' kull xahar dwar il-livelli tal-istokkijiet fl-UE taċ-ċereali, iż-żrieragħ żejtnin u r-ross. Dan huwa segwitu dirett tal-Komunikazzjoni dwar "is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tiżiż tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel" ippreżentata fit-23 ta' Marzu. L-għan huwa li jsir monitoraġġ aħjar tal-livelli tal-istokkijiet fl-ambjent attwali ta' prezzijiet għaljin u inċertezza perċepita dwar il-provvisti.
- viii) Fl-20 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni pproponiet miżura eċċezzjonali u temporanja ġdida fil-qafas tar-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali, li tippermetti lill-Istati Membri jużaw sa 5 % tal-allokkazzjonijiet tal-FAEŻR tagħhom għall-2021 u l-2022 biex jikkumpensaw lill-bdiewa u/jew lill-intrapriżi agrikoli żgħar u ta' daqs medju (SME) l-aktar milquta minn din il-kriżi.
- ix) Fit-2 ta' Ġunju, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Regolament li jippermetti ridistribuzzjoni interna tal-għajjnuna tal-UE taħt l-iskema għall-iskejjel tal-UE biex tkopri tfal Ukreni spostati rreġistrati fl-iskejjel tal-UE. Ir-Regolament jistieden lill-Istati Membri biex jirrevedu t-talbiet tagħhom għall-għajjnuna tal-UE għas-sena skolastika li jmiss, mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Lulju 2023, fid-dawl tas-sitwazzjoni bla preċedent li titlob solidarjetà biex jittaffa l-piż minn fuq daww l-aktar esposti għall-azzjoni biex jiġu indirizzati t-tfal Ukreni spostati.
- x) Barra minn hekk, filwaqt li ġie rikonoxxut li l-invażjoni Russa fuq l-Ukrajna jista' jkollha konsegwenzi fuq l-ipprogrammar tal-PAK futura, l-Istati Membri ġew mistiedna jikkunsidraw il-ħtieġa li jirrevedu xi wħud mill-proposti inizjali tagħhom dwar il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK. Partikolarment, jista' jkun hemm lok biex jissaħħu l-elementi tal-pjanijiet li għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza tas-settur. Partikolarment, l-Istati Membri ġew imħeġġa jirrevedu l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK tagħhom bil-għan li jappoġġaw lill-bdiewa fl-adozzjoni ta' Prattiki li jottimizzaw l-effiċjenza tal-fertilizzanti, u b'hekk inaqqsu l-użu tagħhom. Dan jista' jsir speċifikament permezz tal-biedja ta' preċiżjoni, iżda l-biedja organika, l-agroekoloġija u użu aktar effiċjenti permezz ta' pariri u taħriġ dwar il-ġestjoni tan-nutrijenti wkoll jaqdu rwol importanti. L-Istati Membri għandhom jisfruttaw bis-sħiħ il-possibiltajiet tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom f'dan ir-rigward kif ukoll jottimizzaw u jnaqqsu l-użu ta' inputs oħra bħall-antibijotiċi u l-pestiċidi u jinvolvu ruħhom fis-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola.

11. Bħala konklużjoni, abbażi tal-informazzjoni ta' hawn fuq, u l-gwida reċenti tal-Kunsill Ewropew, il-Ministri huma mistiedna jikkumentaw dwar azzjoni futura possibbli biex tittaffa aktar is-sitwazzjoni attwali fil-livell Ewropew u globali, u biex jipprovdu kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jqisu rilevanti.
-